REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1252

tad-19 ta' Lulju 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/408 biex jaġġorna l-lista ta' kandidati għas-sostituzzjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 78(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/408 ([2]) fih lista ta' sustanzi attivi li jissodisfaw il-kriterji stipulati fil-punt 4 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 biex jitqiesu bħala kandidati għas-sostituzzjoni.

(2) Għadd minn dawk is-sustanzi ma għadhomx approvati jew l-approvazzjonijiet tagħhom iġġeddu skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u dan irriżulta f'elenkar fil-Parti E tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([3]). L-elenkar tagħhom fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/408 ma għadux rilevanti. Fl-interess taċ-ċarezza u tat-trasparenza, dawn għandhom jitħassru minn dan l-Anness.

(3) Kwiżalofop-P (il-varjant kwiżalofop-P-tefuril) hija sustanza attiva approvata elenkata fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/408 bħala kandidat għas-sostituzzjoni minħabba l-klassifikazzjoni armonizzata preċedenti tagħha bħala tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1B f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1480 ([5]) aġġorna din il-klassifikazzjoni għal tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 2. Għalhekk, il-kwiżalofop-P-tefuril ma għadux jissodisfa l-kriterji biex jitqies bħala kandidat għas-sostituzzjoni u jenħtieġ li jitħassar mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/408.

(4) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/408 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/408 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/408 tal-11 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 80(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jistabbilixxi lista ta' kandidati għas-sostituzzjoni (ĠU L 67, 12.3.2015, p. 18).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1480 tal-4 ta' Ottubru 2018 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, u li jikkoreġi r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/776 (ĠU L 251, 5.10.2018, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness ta-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/408, jitħassru l-entrati li ġejjin:

amitrol;

bifentrin;

bromadiolon;

karbendażim;

karbetammid;

komposti tar-ram (il-varjanti idrossidu tar-ram, ossiklorur tar-ram, ossidu tar-ram, taħlita Bordeaux, u sulfat tar-ram tribażiku);

ċiprokonażol;

difenakum;

dimetoat;

dikwat;

epossikonażol;

esfenvalerat;

etoprofos;

etossażol;

famoksadon;

fenamifos;

ossidu tal-fenbutatin;

fipronil;

flukwinkonażol;

glufosinat;

alossifop-P;

imażamoks;

imażosulfuron;

isoproturon;

isopirażam;

lambda-ċjalotrina;

linuron;

lufenuron;

mekoprop;

metomil;

metsulfuron-metil;

molinat;

miklobutanil;

ossadiarġil;

ossadiażon;

pendimetalin;

prokloraż;

profossidim;

propikonażol;

prosulfuron;

kwinossifen;

kwiżalofop-P (il-varjant kwiżalofop-P-tefuril);

tepralossidim;

tijakloprid;

triasulfuron;

triażossidu;

warfarin.